**21 ta' April, 1961**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**
Benjamin Grech et.
*versus*
Maria Fenech

**Illeġittimità tal-Persuna — Mara — Obligazzjoni — Art. 2098, 2099 u 1367 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Hu veru illi d-djun li tagħmel il-mara bil-kunsens tar-raġel, jew fil-kummerċ li fih hija tkun taħdem bil-permess tar-raġel, jaqgħu wkoll fil-komunjoni tal-akkwisti, u illi għall-ħlas ta' dawn id-djun imissu jiġi mħarrek ir-raġel biss; iżda dan hu veru sakemm il-mara ma tkunx obligat ruħha għall-ħlas ta' dawk id-djun personalment.*

*Xejn ma jiswa illi skond il-liġi l-mara ma tidħolx għat-telf f'iżjed mis-sehem li jmissha mill-akkwisti; jekk hija tkun assumiet obligazzjoni personali, il-mara tibqa' dejjem obligata tirrispondi bil-ġid kollu tagħha bħal kwalunkwe debitur ieħor. U għalhekk mhix irritwali ċitazzjoni magħmula kontra l-mara biss għall-ħlas ta' dejn simili.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, wara li ppremettew illi huma kellhom bħala konsulent legali lill-Avukat Dr. Albert Ganado fil-kuntratt ta' permuta magħmul mal-konvenuta fiż-17 ta' Marzu 1960 fl-atti tan-Nutar Dr. Giuseppe Spiteri, u l-ispejjeż u d-drittijiet professjonali tiegħu jammontaw għal £58.9.4, li ġew lilu debitament imħallsin (dok. A u B); u illi skond l-imsemmi kuntratt il-konvenuta obligat ruħha li tħallas dawn l-ispejjeż (dok. B); talbu li l-konvenuta tiġi minn din il-Qorti kundannata, għar-raġunijiet imsemmija, li tħallashom l-imsemmija somma ta' £58.9.4; bl-interessi minn notifika tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' Settembru 1960 u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-istess ittra uffiċjali;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha ssottomettiet illi ċ-ċitazzjoni hija rritwali, peress li kien imissu ġie mħarrek ukoll żewġ l-eċċipjenti bħala kap tal-

komunjoni tal-akkwisti, u għalhekk hija għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju; u subordinatament, illi l-eċċipjenti ma għandha tagħti xejn lill-atturi, billi hija ma obligatx ruħha tħallas lill-Avukat Albert Ganado bħala mandatarju tal-atturi fuq il-kuntratt;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar il-preġudizzjali opposta mill-konvenuta;

Illi din l-eċċezzjoni tinsab bażata fuq l-art. 1373(1) tal-Kodiċi Ċivili, fejn jingħad illi "d-djun magħmula mill-mara bil-kunsens tar-raġel, jew fil-kummerċ li fih il-mara tkun taħdem bil-kunsens tar-raġel, jaqgħu ukoll fl-akkwisti"; u peress illi l-konvenuta dehret fil-kuntratt "de quo" bil-kunsens ta' żewġha, l-ispejjeż kollha, fosthom dawk in kwistjoni, li hija obligat ruħha li tħallas, skond it-teżi tagħha, jaqgħu fil-komunjoni tal-akkwisti, li tagħha, matul iż-żwieġ, il-kap huwa żewġha, u għalhekk kien hu biss li jmissu ġie mħarrek;

Illi l-pretensjoni tal-konvenuta kien jista' jkollha fondament kieku hija ma assumietx, kif għamlet, obligazzjoni personali li tħallas dawk l-ispejjeż. Veru li b'din l-obligazzjoni tagħha, assunta bil-kunsens tar-raġel, hija kkontrahiet dejn li jaqa' fil-komunjoni, iżda dan ma jistgħax ifisser illi hija ma għandha ebda obligu personali; diversament, ma jibqgħalhomx ebda sens l-artikoli 2098 u 2099 tal-Kodiċi Ċivili. U l-Qorti tal-Appell, fil-kawża "Bankier John Scicluna vs. Teresa Zimelli", deċiża fl-24 ta' April 1939, irrespinġiet l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna opposta mill-konvenuta għaliex il-kuntratt kien jgħajjat lilha bħala debitriċi prinċipali, u l-interess tal-attur kien li jaġixxi kontra tagħha biex jesegwixxi d-drittijiet tiegħu fuq l-beni parafernali tagħha (Kollez. Vol. XXX, Parte I, Sezzjoni II, p. 739);

Illi ma tiswiex l-obbjezzjoni opposta mid-difensur tal-konvenuta fid-dibattitu orali, jiġifieri illi skond l-art. 1367 (Kod. ċit.) il-mara ma tidħolx għat-telf f'iżjed mis-sehem li jmissha fl-akkwisti; liema limitazzjoni ġiet kostantement

interpretata fis-sens li l-mara ma tkunx assumiet obligazzjoni personali, għaliex diversament hija tibqa' dejjem obligata tirrispondi bil-ġid kollu tagħha, bħal kwalunkwe debitur ieħor;

"La moglie", josserva Pothier, "sciolta la comunione, sia che l'abbia accettata, sia che abbiavi rinunciato, continua ad essere debitrice per lo totale verso i creditori dei debiti della communione che essa ha personalmente contratti . . . .Essendosi una volta obbligata in di lei proprio nome, niente può dispensarla dal soddisfare la sua obligazione, nemmeno la cessazione del suo matrimonio che fosse intervenuta da poi" (Trattato della Comunione, §§731-733) ;

F'dan is-sens ukoll hija l-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XXXI-I - sez. II - paġ. 989; u Kummerċ 29.3.1950 in re "Chircop vs. Micallef" (inedita) ;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad il-preġudizzjali opposta mill-konvenuta, blispejjeż kontra tagħha;

U tħalli l-kawża għall-25 ta' Mejju 1961, biex titkompla skond il-liġi.